MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-19 ta' April, 2013

Talba Numru. 886/2011

**Platinum International (Malta) Limited**
**bhala agenti tas-Socjeta' estera**
**Citicorp Properties Limited**

**vs**

**Ronald u Susan konjugi Pavia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf erbgha u ghoxrin ewro u tnejn u disghin centezmu (€1,024.92c) bilanc mhux imhallas minn prezz ta' *Rediscover the World Contract* kif jirrizulta mill-kuntratt datat 16 ta' Awissu, 2006 hawn annessa bhala Dok BG1.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha eccepew (1) illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta); (2) Illi fi

kwalunkwe kaz, jirrizulta sahansitra minn dokumentazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici li l-ammont surreferit jinsab imhallas; (3) Illi, fi kwalunkwe kaz, l-ammont surreferit m'huwiex dovut in vista tal-fatt li l-partijiet kienu tterminaw il-kuntratt relattiv skond il-ligi; (4) Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponenti qatt ma bbenefika minn tali kuntratt u kwindi ghal din ir-raguni wkoll il-prezz relattiv mhux dovut; (5) Illi fi kwalunkwe kaz, l-ammont mitlub huwa esagerat; (6) Illi l-eccezzjonijiet surreferit qeghdin jigu mressqin lkoll minghajr pregudizzju ghal xulxin; (7) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011, fejn il-partijiet iddikjaraw illi ghalkemm giet sollevata l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mill-konvenuti, il-provi ghandhom jinstemghu fuq kollox, inkluz il-mertu.

Ra l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Jannar, 2012, fejn is-socjeta' attrici talbet illi jigu allegati l-atti tal-kawza bin-numru ta' referenza ***742/2007***; ra d-digriet tieghu fejn laqgha din it-talba, u ordna l-allegazzjoni ta' dawn l-atti.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom, inkluz l-atti tal-kawza bin-nurmu ta' referenza 742/2007 li gew allegati flimkien ma' dawn l-atti.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas minghand il-konvenuti tas-somma ta' elf erbgha u ghoxrin ewro u tnejn u disghin centezmu (€1,024.92c), ekwivalenti ghal erba' mija u erbghin Lira Maltin (Lm440.00), rapprezentanti bilanc dovut relattiv ghal ftehim li gie ffirmat mill-partijiet datat 16 ta' Awissu, 2006. Illi ai termini tal-istess ftehim, il-konvenuti accettaw li jinkitbu fl-iskema li kienet toffri s-socjeta' attrici, bhala intermedjarja tas-socjeta' estera Citicorp Properties limited, u ghal dan il-ghan fis-16 ta'

Awissu 2006 il-konvenuti hallsu ghaxar Liri Maltin (Lm10), ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29c), in linea ta' depozitu, filwaqt illi l-bilanc kellhom ihallsuh jumejn wara permezz ta' cheque. Illi f'dan ir-rigward giet ipprezentata mis-socjeta' attrici applikazzjoni (a fol.2) li fuqha hemm indikat tali informazzjoni.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenuti ffirmaw din l-applikazzjoni in segwitu ta' laqgha li nzammet mill-istess socjeta' attrici, u peress illi l-konvenuti ma kellhomx flus fuqhom, huma ddikjaraw illi kienu ser jibghatu cheque ghall-kumplament, u ghalhekk sar annotament f'dan is-sens fuq l-istess applikazzjoni. Illi dan oltre l-fatt illi s-socjeta' attrici talbet, u l-konvenuti accettaw, illi jimlew formola (a fol.7 tal-atti) sabiex is-socjeta' attrici tkun awtorizzata tigbed dan il-bilanc dovut lilha minn karta ta' kreditu intestata lill-konvenuti. Illi madanakollu, dan id-dokument qatt ma gie utilizzat mis-socjeta' attrici, in kwantu qatt ma sar l-izbank minn tali karta ta' kreditu, u r-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjarat illi qatt ma utilizzaw dan id-dokument sabiex jottjenu l-hlas, ghaliex inizzjalment kienu qed jistennew illi jigi mwettaq il-hlas permezz ta' cheque, kif imwieghed, u sussegwentement, peress illi l-konvenuti kkomunikaw mar-rapprezentant tas-socjeta' attrici sabiex jitterminaw il-ftehim, u anke pprezentaw kawza fil-konfront tas-socjeta' attrici, allura deherilhom illi ma kienx ikun opportun illi jingibdu dawn il-flus.

Illi da parti taghhom il-konvenuti jikkontendu illi dan l-ammont m'ghandux jigi mhallas ghaliex huma kienu gia wettqu l-hlas tal-bilanc, permezz ta' flus kontanti, dakinhar stess li ffirmaw l-applikazzjoni. Illi l-konvenut ddikjara illi dakinhar stess wara l-laqgha, hu u martu telqu mill-Qawra – fejn inzammet il-laqgha – marru d-dar Pembroke, gabru xi flus, u marru lura dakinhar stess sabiex ihallsu l-bilanc. Illi l-konvenut jikkontendi illi tant hu hekk, illi s-socjeta' attrici rrilaxxjat a favur taghhom *gift certificate* (a fol.23 tal-atti) li nghata lilhom precizament ghaliex hallsu l-prezz kollu dakinhar tas-16 ta' Awissu, 2006.

Illi da parti taghhom, ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici, u impjegati taghha, ddikjaraw li dan ma kienx minnu, u in sostenn ta' dan iddikjaraw illi l-laqgha li ghaliha attendew il-konvenuti nzammet fil-ghaxija u spiccat fit-tard, u li ghalhekk ma kienitx attendibbli l-versjoni tal-konvenuti illi huma lahqu marru Pembroke u lura l-Qawra sabiex iwettqu l-hlas dakinhar. Illi l-konvenut iddikjara, bhala stat ta' fatt, illi hu ma wettaqx il-hlas tal-bilanc permezz ta' cheque, u lanqas li ngibdu l-flus minn fuq il-credit card tieghu, izda jsostni illi hallas il-bilanc fi flus kontanti.

Ikkunsidra,

Illi l-ewwel li jehtieg li jigi ttrattat f'din is-sentenza hija l-eccezzjoni preliminari dwar preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti. Illi l-konvenuti ecceppew il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk it-terminu preskrittiv applikabbli ghall-kaz in ezami ghandu jkun ta' hames-(5) snin.

Illi l-ftehim huwa datat 16 ta' Awissu, 2006 filwaqt illi l-azzjoni giet proposta fit-12 ta' Ottubru, 2011. Illi s-socjeta' attrici jidher illi bghatet biss ittra interpellatorja, li kopja taghha tinsab a fol. 6 in atti, u li hija datata 24 ta' Ottubru, 2006. Illi mill-kumplament ma gew ipprezentati ebda atti gudizzjarji ohra, salv ghar-risposta li giet ipprezentata mill-istess socjeta' attrici – fil-kwalita' taghha ta' konvenuta – fl-atti tal-kawza fl-ismijiet inversi, bin-numru ta' referenza ***742/07***, u li giet deciza u ghaddiet in gudikat b'sentenza moghtija fil-15 ta' Marzu, 2011. Illi tali risposta giet ipprezentata fis-7 ta' Novembru 2007. Illi permezz ta' dik l-azzjoni il-konvenuti f'din il-kawza kienu qed jitolbu refuzjoni minghand is-socjeta' attrici – konvenuta f'dik il-kawza – tas-somma ta' erbgha mija u hamsin lira Maltin (Lm450.00), ekwivalenti ghal elf tmienja u erbghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,048.22c), li allegatament thallsu mill-konvenuti meta gie ffirmat il-ftehim tas-16 ta' Awissu, 2006. Illi dik it-talba giet michuda permezz tad-decizjoni moghtija minn dan it-Tribunal, diversament presjedut, hawn fuq imsemmija.

Illi l-konvenuti jikkontendu illi ladarba s-socjeta' attrici ma pprezentat ebda att gudizzjarju fil-konfront tal-istess konvenuti qabel ma pproponiet din l-azzjoni, allura t-talba taghha li qedha ssir in bazi ghall-ftehim tas-16 ta' Awissu, 2006, hija preskritta.

Illi s-socjeta' attrici, da parti taghha, filwaqt illi mhux qed tikkontesta l-fatt illi t-terminu preskrittiv applikabbli ghal din il-pendenza huwa ta' hames-(5) snin, madanakollu, tikkontendi illi kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni – kif kontemplat fl-artikolu 2128 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta – permezz tar-risposta li giet ipprezentata fil-kawza fl-ismijiet inversi, liema risposta giet ipprezentata fil-15 ta' Marzu, 2011. Illi s-socjeta' attrici tikkontendi illi din ir-risposta tikkwalifika bhala att gudizzjarju kif rikjest minn dan il-provvediment tal-Ligi.

Illi f'dan ir-rigward ikun opportun illi ssir referenza ghall-insenjament tal-Qrati taghna f'dak li jirrigwarda interpretazzjoni ta' dan il-provvediment tal-ligi, u ohrajn f'dan it-Titolu, f'dak li jirrigwarda x'inhu meqjus bhala att gudizzjarju ghall-finijiet tal-Ligi. Illi kif gie trattat fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 1 ta' April, 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Perit Arkitett u Inginjier Civili Joseph Sultana vs Ronald Gaerty (1754/1997);** "*Il-pern tal-kwistjoni fil-fatt hu hekk hemmx tassew differenza, ghal fini ta' effetti legali, bejn ittra ufficjali mibghuta specifikament biex tinterpella lid-debitur u fl-istess waqt tinterrompi l-preskrizzjoni u att ta' citazzjoni maghmul proprju in ezercizzju ta' dik l-interpellazzjoni.*" Illi l-onorabbli Qorti tal-Appell ghamlet distinzjoni bejn l-att rinnovattiv ta' l-azzjoni (bhal ma hija l-ittra ufficjali jew il-protest) u l-att ezekuttiv taghha (bhal ma hija c-citazzjoni). Illi dawk tal-ewwel jintbaghtu bl-iskop li tinkiser il-preskrizzjoni filwaqt illi l-att gudizzjarju l-iehor, u cioe' l-att tac-citazzjoni – illum rikors guramentat – ikun sar kontra d-debitur bhala l-ezercizzju proprju tal-azzjoni.

Illi l-Artikolu 2128 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi: "*Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix il-*

*preskrizzjoni timxi, u li minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom.*"

Illi ghalkemm dan il-provvediment tal-ligi jitkellem dwar "*kull att gudizzjarju*", madanakollu, l-istess provvediment tal-ligi jirrikjedi illi tali att ikun (i) notifikat lill-kontroparti, u (ii) minn tali att jkun jidher **bic-car** illi l-kreditur qed izomm ferm il-jedd tieghu.
Illi ghalhekk jekk wiehed iqis illi r-risposta li gietipprezentata mis-socjeta' attrici fil-kawza li kienet giet proposta kontra taghha mill-konvenuti hija effettivament att gudizzjarju li permezz tieghu ghandha tigi interrotta l-preskrizzjoni, allura jehtieg illi jigu vverifikati iz-zewg fatturi l-ohra rikjesti minn dan il-provvediment tal-ligi qabel ma tali att gudizzjrju jista' jigi meqjus li effettivament interrompa l-preskrizzjoni. Illi f'dak li jirrigwarda l-imsemmija risposta, din la giet notifikata lill-konvenuti – atturi f'dik il-kawza – u lanqas m'hemm ebda referenza, f'tali risposta, ghal xi dritt li s-socjeta' attrici – konvenuta f'dik il-kawza – kienet qed tivvanta jew tittanta tikkawtela. Illi fil-fatt l-uniku skop li ghalih giet ipprezentata tali risposta kien sabiex tigi kkontesta dik il-kawza, u ma sar lanqas accenn ghal xi dritt jew pretensjoni li kienet qed tivvanta s-socjeta' attrici, jew ghal xi dritt li xtaqet li tikkawtela. Illi dan se mai seta' liberament sar permezz ta' kontro-talba, li kien ikun mehtieg *ad validatem*, li tigi notifikata lill-kontroparti. Illi f'tali risposta, is-socjeta' konvenuta f'dik il-kawza, semplicement irrespingiet it-talbiet tal-atturi in bazi tal-fatt illi ma sar ebda hlas lilha, u kemm-il darba dan sar, li tali hlas fi kwalunkwe kaz ma kienx rifondibbli.

Illi ghalhekk fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ir-risposta li giet ipprezentata mis-socjeta' attrici fil-kawza fl-ismijiet inversi bin-numru ta' referenza ***742/07VGD*** ma tikkwalifikax bhala att gudizzjarju li permezz tieghu, u ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2128 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, giet interrotta l-preskrizzjoni. Illi tali att ma jistax jigi meqjus bhala att rinnovattiv, u ghalhekk, u peress illi ghaddew aktar minn hames-(5) snin mid-data tal-ftehim sa meta giet proposta l-azzjoni odjerna, it-Tribunal ser

jghaddi sabiex jakkolji l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti, jichad it-talba tas-socjeta’ attrici.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------